MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2008

Citazzjoni Numru. 639/2007

**Valley Properties Limited**
**Vs**
**Chianti Storm Limited**

## Preliminari

Rat ir-rikors tal-21 ta’ Frar 2008 li bih ir-rikorrenti Chianti Storm Ltd talbu li dina l-Qorti tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza; tiddikjara li n-notifika tar-rikors guramentat lis-socjeta’ intimata hija nulla u nvalida fil-ligi u tawtorizzaha biex tipprezenta l-eccezzjonijiet taghha fl-atti ta’ dina l-kawza.

Illi l-ewwel talba kienet giet milqugha meta fis-seduta tas-27 ta’ Frar 2008 l-Qorti kienet taghat zmien lis-socjeta’ Valley Properties Limited biex tirrispondi dan ir-rikors.

Rat ir-risposta ta’ Valley Properties Ltd tal-4 ta’ Apri 2008.

**Tikkunsidra**

Illi skond il-premessi tar-rikors jirrizulta li r-rikorrenti qed jirritjenu li n-notifika tar-rikors guramentat hija nulla u nvalida billi skond ir-riferta tan-notifika a fol. 16 a tergo din giet iffirmata minn certa Ramona Grima li din mhiex u qatt ma kienet awtorizzata tiffirma ghas-socjeta' rikorrenti.

Illi skond l-artikolu 187(4) tal-Kap 12:

(4) Fil-kaz ta' korp li jkollu personalità guridika distinta, in-notifika lil dak il-korp ghandha ssir billi tithalla kopja ta' l-iskrittura:

(a) fl-ufficcju registrat, fl-ufficcju principali, tieghu jew fil-post tan-negozju jew fl-indirizz postali f'idejn xi hadd mill-persuni msemmija fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 181A jew f'idejn impjegat ta' dak il-korp; jew

**(b) f'idejn xi hadd mill-persuni msemmija fl-artikolu 181A(2) bil-mod provdut fis-subartikolu (1).**

L-artikolu 181(A)(2) jghid li: Kull dikjarazzjoni, jew skrittura li ghandha tinhalef skond il-ligi ghandha, fil-kaz ta' korp li jkollu personalità guridika distinta, tinhalef mill-persuna jew persuni li jkollhom ir-rapprezentanza guridika ta' dak il-korp jew minn kull segretarju tal-kumpannija jew minn kull persuna ohra li tkun awtorizzata bil-miktub minn dak il-korp sabiex tipprezenta atti gudizzjarji f'ismu jew li jaghmel dikjarazzjoni, risposta guramentata jew skrittura bhal dawk imsemmija.

L-artikolu 187 (1) jipprovvdi li n-notifika ssir bil-kunsinna ta' kopja ta' l-iskrittura lill-persuna li lilha l-iskrittura ghandha tkun innotifikata, jew billi dik il-kopja tithalla f'idejn membru tal-familja jew tad-dar jew f'idejn wiehed fis-servizz ta' dik il-persuna jew f'idejn il-prokuratur taghha jew persuna awtorizzata minnha biex tircievi l-posta taghha, fil-lok fejn toqghod jew tahdem jew fil-post tax-xoghol jew fl-indirizz postali taghha.

Fil-kaz in ezami n-notifika tar-rikors guramentat saret lill Ramona Grima li *ex admissis* hija persuna fis-servizz/seftura ta' l-uniku direttur, l-uniku *shareholder*, l-uniku rapprezentant legali u gudizzjarju u segretarju, fid-dar tieghu, liema indirizz huwa l-istess indirizz registrat tal-kumpanija. (ara dokument a fol 41-2).

Ladarba l-ligi trid li n-notifika ta' persuna li għandha r-rappreżentanza ta' kumpannija kif imsemmi fl-artikolu 181A(2) tal-Kap 12 tista' ssir ukoll fid-dar fejn toqgħod tali persuna, in-notifika tista' ssir lil kull membru tal-familja jew tad-dar jew f'idejn wieħed fis-servizz ta' dik il-persuna, allura f'dak il-każ, il-kwestjoni tal-awtoriżżazzjoni ma tidħolx. (ara sentenza App. Xanthippe Shipping Ltd vs Kontrollur tad-Dwana 30/11/2007).

Ghalhekk billi s-socjeta' rikorrenti ma gabet ebda raguni valida ohra biex tiggustifika l-kontumacija taghha u billi n-notifika saret validament skond l-artikolu 187(4)(b) tal-Kap 12.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi billi tichad it-talba kontenuta fir-rikors tal-21 ta' Frar 2008;
Spejjez ghar-rikorrenti Chianti Storm Ltd.

Thalli l-kawza ghas-sentenza ghat-3 ta' Ottubru, 2008
bil-fakolta li Chianti Storm Ltd ikunu jistghu jaghmlu nota a tenur ta' l-artikolu 158(10) jekk ikun il-kaz bin-notifika tal-kontroparti, fi zmien xahar mill-lum.

Tordna l-isflilz tad-dokument a fol. 35 ezibit mar-rikors tal-21 ta' Frar 2008 stante li gie ezibit minghajr awtorizzazzjoni.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------